LANDS Authority

**Dokumenti meħtieġa sabiex jinfeda Ċens Perpetwu Rivedibbli**

1. Irid isir ħlas ta' €500 ma' kull applikazzjoni, flimkien ma' ittra lill-Awtorita', fejn jintalab li jinfeda ċ-ċens tal-propjeta'

2. Qabel tiġi sottomessa din l-applikazzjoni, l-applikant irid ikun rikonoxxut bħala ċċenswalist mal-Awtorita' tal-Artijiet. F'każ lill-applikant mhuwiex rikonoxxut jista' jagħmel t-talba permezz ta' applikazzjoni skont il-link: https://onlineportal.landsauthority.org.mt/Application/REC1

3. L-applikant għandu jħallas l-arretrati kollha dovuti minnhu qabel ma tkun tista' tibda tiġi pproċessata l-applikazzjoni,

4. Kopja tal-konċessjoni enfitewtika flimkien ma' kull kuntratt ta' trasferiment mill-1992 sal-lum għandhom jiġu annessi mal-applikazzjoni.

5. *Kopja tal-Karta tal-Identita' taċ-ċenswalita kollha kif ukoll tal-konjuġi rispettivi fil-każ ta' persuni miżżewġa;

6. Dikjarazzjoni minn Nutar dwar kemm huwa l-ammont ta' ċens dovut lill-Uffiċċju Konġunt, flimkien ma' dikjarazzjoni ġuramentata lill-kontenut kollhu tal-applikazzjoni huwa veritier u li ma ħalla barra ebda informazzjoni jew fatti oħra relevanti u li permezz tagħhom, kieku dawn kienu magħrufa lill-Awtorita', l-applikazzjoni kienet tiġi rifjutata u miċħuda;

7. Jekk hemm subċens dovut lil terzi, kopja tal-kuntratt tal-fidi tas-subċens. F'każ li dan il-kuntratt tal-fidi tas-subċens ma sarx ikun għaqli jekk jinfeda s-subċens l-ewwel. Jekk mhux possibbli li dan isir, hemm bżonn lill-applikant jikkonsulta ma' Avukta fejn jingħata parir bil-miktub li bħala s-subutilist għandu d-dritt li jixtru d-dirett dominju u s-sussegwenti piena propjeta' mingħand il-Gvern ta' Malta u bl-għarfien talkonsegwenzi legali kollha. Fl-istess parir l-Avukat għandu jeżenta lil kwalunkwe Nutar li jista' jippubblika l-kuntratt u kif ukoll lill-Gvern ta' Malta minn kull azzjoni u jew responsabilita' legali li tista' tittieħed mill-utilisti jew minn terzi minħabba l-fidi taddirett dominju minn mal-Gvern.

**Address:**
Auberge de Baviere,
St. Sebastian Street,
Valletta VLT 2000
**Telephone:**
+356 2122 4016/7
**E-mail:**
info.la@landsauthority.org.mt
www.landsauthority.org.mt

LANDS Authority

8. Kopja tal-aħħar irċevuta ta' ħlas f'dan l-uffiċċju;

9. Ritratti li għandhom juru d-data u l-ħin, li juru l-istat attwali tal-bini jew sit. {Anness 9(f)}

10. Għandha tiġi sottomessa pjanta dettaljata fuq skala ta' 1:100, magħmula strettament a bażi tal-forma li tidher f'{Anness 9(ċ)} u li għandha ssegwi l-linji gwida għall-użu ta' din il-formola. Din il-pjanta għandha turi l-intern tal-propjeta' f'kull livell u d-distanza mill-eqreb kantuniera. Għandha tiġi sottomessa wkoll, kopja tal-pjanta oriġinali *scanned* u debitament awtentikata minn Perit bħala kopja vera; u

11. Għandha tiġi sottomessa pjanta tar-Reġistru tal-Artijiet, debitament awtentikata minn Perit, ara {Anness 9(d)}

**Barra mill-prezz tal-fidi taċ-ċens li jikkonċernaw l-Awtorita' tal-Artijiet ser ikun hemm spejjeż oħra li jinkludu t-taxxa tal-boll u spejjeż amministrattivi.**

***L-informazzjoni miġbura ser tintuża skont ir-Regolament (EU) 2016/679 u l-provvedimenti tal-Att Dwar il-Protezzjoni u Privatezza tad-Data 2018 (Kapitolu 586 tal-Liġijiet ta' Malta).**

LANDS Authority

- Isem u kunjom____________________________________________________________
- Numru tat-Telefon u / jew Mowbajl_______________________________________________
- Indirizz Elettroniku__________________________________________________________
- Numru tal-Propjeta'__________________________________________________________
- €500 bħala spejjeż tal-applikazzjoni għat-talba tal-fidi taċ-ċens

**Address:**
Auberge de Baviere,
St. Sebastian Street,
Valletta VLT 2000

**Telephone:**
+356 2122 4016/7

**E-mail:**
info.la@landsauthority.org.mt

www.landsauthority.org.mt

**Abozz ta' dokumenti meħtieġa għall-fidi ta' ċens perpetwu rivedibbli ta' propjeta' tal-Gvern skont l-Avviż Legali 216 tal-2019, Artikolu 9**

**9. Dokumenti meħtieġa**

(a) Kopja tal-aħħar irċevuta ta' ħlas taċ-ċens



AWTORITA' TAL-ARTIJIET

LANDS AUTHORITY

**Rċevuta / *Receipt***

Numru tal-irċevuta / *Receipt no:*
Data tal-irċevuta / *Receipt date:*

Numru tal-ID / *ID Number*
Propjeta / *Property*

| Nru tal-kont *Invoice no* | Data tal-kont *Invoice date* | Dettalji *Details* | | Dovut *Due* | Imħallas *Paid* |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Minn/From | sa/to | € | € |
| | | Valur sħiħ tal-irċevuta / *Total receipt value* | | | € |

Kerrejja Oħra / Other Tenants

Metodu tal-ħlas / *Method of payment*

Cashier comments:

Kaxxier / Cashier

Joint Office

File No.

(b) Dokuement li juri liċ-enswalist huwa rikonoxxut mill-Awtorita' tal-Artijiet



Ref. Tagħna:

Data

Address

Sinjur/a,

Dwar: Rikonoxximent:

Għandi pjaċir ninfurmak illi l-Gvern ta' Malta qiegħed jirrikonoxxi lil ___________ bħala enfitewta tal-fond hawn fuq imsemmi, kif suġġett għar-rata tiegħu ta' ċens annwu, temporanju u mhux rivedibbli ta' €0,00ċ.

Sabiex dan ir-rikonoxximent ikollu effett, inti mitlub tħallas lawdemju ta' €0,00ċ u l-arretrati skond kif meħtieġ, fi żmien xahar mid-data ta' din l-ittra.

Dan ir-rikonoxximent qiegħed isir mingħajr preġudizzju għal drittijiet ta' terzi.

Ninfurmak illi l-ħinijiet li fihom jintlaqgħu ħlasijiet ta' ċnus minn dan l-Uffiċċju huma mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-tmienja ta' filgħodu u nofsinhar, jew inkella permezz ta' cheque indirizzat lill-Awtorita` tal-Artijiet. Meta tiġi biex tagħmel l-ħlasijiet tiegħek inti għandek tippreżenta kopja ta' din l-ittra, flimkien mal-karta tal-identità tiegħek.

Nirringrazzjak u nselli għalik.

Għ/Awtorita` tal-Artijiet

**Address:**
Auberge de Baviere,
St. Sebastian Street,
Valletta VLT 2000

**Telephone:**
+356 2122 4016/7

**E-mail:**
info.la@landsauthority.org.mt

www.landsauthority.org.mt

c) Pjanta dettaljata fuq skala ta' 1:100, a bażi ta' forma maħruġa mill-Awtorita', iċċertifikata u iffirmata mill-Perit tal-applikant. Din il-pjanta jeħtieġ li turi dan li ġej:

i. L-użu tal-kmamar (room designations),

ii. Qisien,

iii. Metraġġ fuq kull livell (ownership areas at each level), iv. Xi drittijiet li jista' jkun hemm fuq terzi bħal xi servitu', u

v. Qies mill-eqreb kantuniera.








**Address:**
Auberge de Baviere,
St. Sebastian Street,
Valletta VLT 2000

**Telephone:**
+356 2122 4016/7

**E-mail:**
info.la@landsauthority.org.mt

www.landsauthority.org.mt

d) Pianta tar-Reġistru tal-Artijiet, kompluta u iċċertifikata mill-Perit tal-applikant;




(e) Kopja tal-karta tal-Identita' tal-applikant/i

(f) Ritratti ċari li juru l-propjeta' fl-istat eżistenti minn barra u minn ġewwa, meħuda minn angoli differenti. Il-propjeta' tiġi murija b'linja ħamra.

**Fond nru. XX Triq XXXX, Lokalita' XXXX**

**Address:**
Auberge de Baviere,
St. Sebastian Street,
Valletta VLT 2000

**Telephone:**
+356 2122 4016/7

**E-mail:**
info.la@landsauthority.org.mt

www.landsauthority.org.mt









Timbru u firma tal-Perit:

Data:

**Address:**
Auberge de Baviere,
St. Sebastian Street,
Valletta VLT 2000

**Telephone:**
+356 2122 4016/7

**E-mail:**
info.la@landsauthority.org.mt

www.landsauthority.org.mt